30 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppina Lotter *versus* Lorenzo Lotter et.

**Rahan — Dritt ta' Ritenzjoni — Privileġġ — Bwona Fede — Prova — Separazzjoni tal-Beni — Mara — Dota — Dotarju — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Nutar — Kuratur — Art. 2073, 2070, 1383, 1380, 1105 u 569 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk persuna tagħti b'rahan ħaġa li ma tkunx tagħha, ir-rahan jiswa, u sid il-ħaġa ma jistax jitlobha lura mingħajr ma jħallas id-dejn li għalih tkun ġiet mirhuna.*

*Din id-dispożizzjoni mhix applikabili, fost każijiet oħrajn, meta jinstab li kien hemm mala fede fil-persuna li rċeviet il-ħaġa; b'mod li dan id-dritt tal-kreditur jibqa' jiswa dejjem, sakemm ma jiġix pruvat li l-kreditur kien in mala fede. U l-prova tal-mala fede tinkombi lil min jallegaha.*

*Għaldaqstant, jekk ir-raġel jagħti b'rahan oġġetti ta' metall prezzjuż li jirriżultaw li kienu ta' martu, din ma tistax titlob lura dawk l-oġġetti bla ma tħallas id-dejn, jekk il-kreditur irċieva dawk l-oġġetti in bwona fede. U xejn ma jiswa li dawk huma oġġetti li jużaw in-nisa, għax dan ma jeskludix il-possibilità li dawk l-oġġetti setgħu kienu tad-debitur.*

*Għall-oġġetti mirhunin għandu in bwona fede l-kreditur għandu dritt tar-ritenzjoni u l-privileġġ li tagħtih il-liġi.*

*Lanqas tista' l-mara, f'kawża li tagħmel kontra r-raġel għas-separazzjoni tal-beni, titlob li dawk l-oġġetti hekk mirhunin jiġu assenjati lilha in assikurazzjoni tad-dota u tad-dotarju, avvolja din*

*l-assikurazzjoni hija miżura konservativa, anki f'każ ta' dritt kondizzjonali; għax l-atti konservativi li jista' jeżerċita l-kreditur kondizzjonali huma dawk li ma jġibux magħhom ebda tibdil fil-konvenzjoni, u l-assenjazzjoni ta' dawk l-oġġetti lill-mara tipprieva lill-kreditur mid-dritt tar-ritenzjoni u mill-privileġġ. U għalkemm din l-assenjazzjoni ma topera it-trasferiment tal-proprjetà ta' dawk l-oġġetti favur il-mara, imma tikkonferilha biss l-amministrazzjoni tagħhom, biha l-kreditur jiġi mpedut milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu fuq dawk l-oġġetti, almenu sakemm, biż-żoljiment taż-żwieġ, jiġu definitivament likwidati d-drittijiet tal-mara.*

*Flus li jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma jistgħux iservu għall-ħlas, jew anki garanzija, ta' dejn partikulari ta' wieħed mill-miżżewġin; u għalhekk, jekk ir-raġel ikun iddepożita flus tal-komunjoni biex ikun jista' jeżiġi r-restituzzjoni tar-rahan, il-mara ma tistax tippretendi li tiżbanka dawk il-flus in assikurazzjoni tad-dota u d-dotarju tagħha, jekk fieri biex jiġi mħallas jew garantit dejn partikulari tar-raġel.*

*Jekk il-mara ma tkunx talbet in-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att tas-separazzjoni tal-beni u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq dak l-att, hu meħtieġ u xieraq li l-Qorti tagħti kull provvediment biex is-sentenza ma tkunx nulla u jkollha dik il-forza eżekutiva li hija wieħed mill-elementi sostanzjali tagħha.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħti kull provvediment opportun, peress li l-istat finanzjarju tar-raġel mhux qiegħed sewwa u hemm periklu li l-attriċi titlef id-drittijiet tagħha għad-dota u għad-dotarju, talbet (1) li tiġi ordnata s-separazzjoni mill-beni tar-raġel tal-beni dotali ta' l-attriċi, konsistenti fl-oġġetti prezzjużi depożitati taħt l-awtorità ta' din il-Qorti biċ-ċedola numru 69/41 (Dok. B), li huma par cappetti, barbazzal u sett tal-ġamew (par. imsielet, labra u ċurkett), u l-affarijiet l-oħra kollha li jirriżultaw li ġew kostitwiti bħala dota tagħha bil-kuntratt publikat minn Nutar Edoardo Calleja Schembri tat-8 ta' April 1929 (dok. A), bil-li l-attriċi tiġi awtorizzata li tiżbanka l-istess oġġetti prezzjużi dotali hawn fuq deskritti non ostanti l-oppożizzjoni magħmula mill-konvenuti Mallia u Cassar; (2) li bħala ħlas

u/jew assikurazzjoni tad-drittijiet ta' l-attriċi għall-imsemmija dota u għad-dotarju ta' £600, kostitwit bl-imsemmi kuntratt, tiġi ordnata s-separazzjoni ta' daqshekk beni tal-konvenut raġel tagħha, u l-attriċi tiġi awtorizzata tiżbanka mill-imsemmija ċedola 69/41 (dok. B) l-oġġetti li huma polka, arloġġ, ċurkett b'fossa ħamra, labra ta' l-ingravata u par buttuni tal-pulzieri, flimkien mas-somma ta' £1. 14. 6, u miċ-ċedola oħra 68/41 (dok. C) is-somma ta' £16. 12. 0 — oġġetti u somom tar-raġel, bilħom depożitati taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti — non ostanti l-oppożizzjoni tal-konvenuti Mallia u Cassar;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Mallia u Cassar, li biha ssottomettew (1) li kontra l-ewwel talba josta l-privileġġ li għandhom il-konvenuti fuq id-deheb depożitat biċ-ċedola 69/41, privileġġ li jiġi qabel kwalunkwe ipoteka u dritt ieħor, għaliex ġej minn kuntratt ta' rahan ("pegno"), li l-liġi tgħid li jseħħ anki jekk l-oġġetti mirhunin m'humiex tad-debitur; (2) li kontra t-tieni talba, in kwantu tirrigwarda d-deheb tal-konvenut Lotter, depożitat bl-istess ċedola, hemm l-istess privileġġ; dwar is-£16. 12. 0 depożitati b'ċedola no. 68/41 għandu jingħad li l-ewwel kreditu ta' l-eċċipjenti huwa antenuzjali, u għalhekk ma għandux jiġi milqut mill-azzjoni preżenti;

*Omissis;*

Fil-kontumaċja tal-konvenut Lorenzo Lotter;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel domanda;

Illi l-attriċi, barra mis-separazzjoni mill-beni ta' żewġha tal-beni dotali konsistenti fl-oġġetti prezzjużi dotali depożitati biċ-ċedola numru 68/1941, talbet li tkun awtorizzata tiżbanka dawk l-oġġetti non ostanti l-oppożizzjoni tal-konvenuti Cassar u Mallia;

Illi mhux kontestat li dawk l-oġġetti jiffurmaw parti minn dota kostitwita favur l-attriċi b'kuntratt publikat min-Nutar Edoardo Calleja Schembri fit-8 ta' April 1929, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 10 tal-proċess. Hemm però kontestazzjoni għall-iżbank, peress li dawn l-oġġetti, flimkien ma' oħrajn, kienu ġew mogħtija b'titolu ta' rahan lil Grazio Mallia, awtur tal-konvenuti Mallia u Cassar, bħala garanzija ta'

diversi somom li kien silef lill-konvenut Lorenzo Lotter;

Illi, dwar ir-rahan, ma jistax ikun hemm iżjed kwistjoni, għaliex dan jirriżulta aċċertat mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju 1943 in re "Lotter vs. Mallia", u konfermat mill-istess Lotter skond verbal tas-6 ta' Ġunju 1946, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 14 tal-proċess,

Illi, però, l-attriċi tippretendi li dik is-sentenza ma torbotx anki lilha, peress li hija "res inter alios acta", u li għalhekk hija għadha tista' tikkontesta dak ir-rahan;

Illi, fuq dina l-kwistjoni, ta' min jinnota li "jekk persuna tagħti b'rahan ħaġa li ma tkunx tagħha, ir-rahan jiswa, u sid il-ħaġa ma jistax jitlobha lura mingħajr ma jħallas id-dejn li għalih tkun ġiet mirhuna" (art. 2073 (1) Kod. Ċiv.); liema dispożizzjoni ma tibqax applikabili, fost każi oħra, "meta jinsab li kien hemm mala fidi fil-persuna li rċeviet ir-rahan" (art. 2073 (2) (a) Kod. ċit.). Veru li skond l-art. 1044 (Kod. ċit.) il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid lil ħadd ieħor, ħlief fil-każijiet kontemplati fil-liġi; iżda wieħed ma jistax jipprexindi, anki fil-konfront ta' sid il-ħaġa, mid-dritt li jkun akkwista l-kreditur fuq il-ħaġa lilu mogħtija b'rahan. Dana d-dritt jibqa' jiswa dejjem sakemm ma jiġix pruvat li l-kreditur kien in mala fede: "poichè", kif josserva Lanciotto Rossi, "se questo ha ricevuto la cosa vincolata dal suo debitore, sapendo che questa era di altri, il proprietario può rivendicarla, avendo a tale scopo contro il creditore pignoratizio la stessa azione che gli competerebbe contro il debitore che ha concesso il pegno. Se però il creditore ha ricevuto la cosa in buona fede...... dovrà trovare applicazione il principio generale scritto all'art. 707 Codice Civile—'Riguardo ai beni mobili per loro natura e ai titoli al portatore, il possesso produce a favore dei terzi di buona fede l'effetto stesso del titolo'. E conseguentemente il creditore pignoratizio potrà respingere l'azione di rivendicazione di cui il proprietario pretendesse valersi contro di lui per riavere la cosa sua" (Digesto Italiano, voce "Pegno Civile", § 70);

Illi, peress li l-bwona fede hija dejjem preżunta (art. 569 Kod. ċit.), il-prova tal-mala fede tinkombi lil min jallegaha, u

f'dan il-każ lill-attriċi; iżda mill-provi miġjuba ma jirriżultax li Grazio Mallia kien jaf, jew seta' jkun jaf li l-oġġetti mirhunin ma kienux tad-debitur. Xejn ma jiswa li fosthom kien hemm oġġetti li jużaw in-nisa, għaliex dan ma jeskludix il-possibilità li setgħu jappartjenu lid-debitur. Għall-kuntrarju, l-istess debitur, meta xehed fil-kawża "Lotter vs. Mallia" fuq riferita, qal li "fl-iskrittura tas-self ta' £10 intqal li, f'każ ta' mewt tal-konvenut, oħtu Gaetana kienet taf li l-oġġetti kienu tiegħi" (fol. 11 tergo); u fil-kawża odjerna huwa assigura bil-ġurament li l-oġġetti mirhunin kienu ta' martu, l-attriċi (fol. 18). Taħt dawn ċ-ċirkustanzi tibda' tipprevali l-preżunzjoni tal-bwona fede fil-kreditur Grazio Mallia, u r-rahan lilu mogħti, għalkemm l-oġġetti kienu ta' l-attriċi, jibqa' jseħħ anki fil-konfront tagħha, u hija ma tistax teħodhom taħt idejha qabel ma tħallas id-dejn kollu li hemm fuqhom — ħaġa li ma jidherx li sal-lum saret;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni domanda;

Illi l-attriċi qiegħda titlob is-separazzjoni ta' daqshekk beni tal-konvenut żewġha daqs kemm ikunu meħtieġa biex jagħmlu tajjeb għad-dota u d-dotarju, u għal dan il-fini qiegħda titlob li tiżbanka miċ-ċedola no. 69/41 l-oġġetti ta' l-istess żewġha, flimkien mas-somma ta' £1. 14. 6, u miċ-ċedola 68/41 is-somma ta' £16. 12. 0. Il-konvenuti Mallia u Cassar jopponu ruħhom għall-motivi riportati fit-tieni eċċezzjoni tagħhom;

Illi, kwantu għall-oġġetti prezzjużi depożitati biċ-ċedola 69/41, mhux kontestat li huma parti minn dawk kif fuq mirhunin, u għalhekk huma soġġetti għad-drittijiet tar-ritenzjoni u tal-privileġġ mogħtija mill-art. 2070 (Kod. Ċiv.). Veru li l-assikurazzjoni tad-dota u d-dotarju hija miżura konservativa, anki f'każ ta' dritt kondizzjonali; iżda huwa veru wkoll li l-atti konservativi li jista' jeżerċita l-kreditur kondizzjonali skond l-art. 1105 (Kod. ċit.) huma dawk biss li ma jġibux magħhom ebda tibdil fil-konvenzjoni (Kollez. XXVIII—III—837). Issa, fil-każ tagħna, l-iżbank u l-assenjazzjoni ta' dawk l-oġġetti lill-attriċi jippriva lill-krediturі konvenuti mid-drittijiet tagħhom tar-ritenzjoni u tal-privileġġ, li ntant jeżistu in kwantu r-rahan ikun ġie kunsinnat u jibqa' fil-pussess tal-kreditur pinjoratizju u l-lum tagħhom stess; u għalkemm dina

l-assenjazzjoni ma toperax ebda trasferiment ta' proprjetà ta' dawn l-oġġetti favur l-attriċi, imma tikkonterilha biss l-amministrazzjoni u t-tgawdija tagħhom (art. 1380 Kod. Ċiv.), biha l-konvenuti kredituri jiġu mpeduti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fuq dawk l-oġġetti, alment sakemm, bix-xoljiment taż-żwieġ, jiġu definitivament likwidati d-drittijiet ta' l-attriċi (ara f'dan is-sens Kollez. XXI—I—380);

Illi, kwantu għal £1. 14. 6, dawn jirrappreżentaw spejjeż ta' mandat ta' qbid maħruġ minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 1941 kontra Grazio Mallia fuq talba tal-konvenut Lorenzo Lotter (vide ċedola fol. 12). Evidentement dan il-mandat kien ġie ottenut in kawtela tal-pretensjoni li ffurmat oġġett tal-kawża "Lorenzo Lotter kontra Grazio Mallia", deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju 1943; liema pretensjoni kienet ġiet respinta bl-ispejjeż kontra l-istess Lotter; u allura s-somma ta' £1. 14. 6, li kienet ġiet lill-marixxall konsenjata biex tiġi mqiegħda fir-Reġistru u hemm tibqa', taqgħet proprjetà ta' l-eżekutat Grazio Mallia, u l-attriċi ma tistax ikollha ebda dritt fuqha;

Illi, rigward l-ammont ta' £16. 12. 0, depożitati b'ċedola no. 68/41 mill-konvenut Lorenzo Lotter biex ikun jista' jeżiġi minn għand Grazio Mallia r-restituzzjoni tar-rahan, dana l-ammont jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti stipulata bejn l-attriċi u żewġha fil-kitba taż-żwieġ (fol. 10), u peress li l-parti l-kbira tal-mutwi, żgur superjuri għal £16. 12. 0 in kwistjoni, saret fil-kors taż-żwieġ ta' l-attriċi, dik is-somma ma tistax isservi għall-ħlas jew anki garanzija tad-dejn partikulari ta' wieħed mill-konjuġi (Kollez. XXIV—III—815), f'dan il-każ tal-konvenut Lotter;

Illi mill-provi miġjuba, u speċjalment mill-lista tad-dejn (fol. 21), jirriżulta biżżejjed li l-konvenut Lotter jinsab f'dissest finanzjarju li ma kienx jeżisti qabel iż-żwieġ tiegħu ma l-attriċi.

Illi għalkemm l-attriċi ma talbetx in-nomina ta' nutar biex jippublika l-att tas-separazzjoni tal-beni u ta' kuratur biex jidher għall-kontumaċi f'dak l-att, huwa meħtieġ u xieraq li l-Qorti tagħti kull provvediment biex is-sentenza ma tkunx nulla (art. 1383 Kod. Ċiv.) u jkollha dik il-forza eżeku-

tiva li hija wiehed mill-elementi sostanzjali tagħha. Del resto, dan hu s-sistema ġenerali tal-liġi tagħna (art. 220, 550 u 480 Proċ. Civ.); u f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza (Kollez. III, 528);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

1. Billi tilqa' l-ewwel domanda fis-sens biss li tordna s-separazzjoni tal-beni li l-attriċi ġiebet b'dota fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tat-8 ta' April 1929, purkè mhux distratti bl-ebda mod, lanqas b'rahan, u li ma jinsabux konsumati bl-użu; liema beni dotali l-konvenut Lotter għandu jagħti lura lill-attriċi;

2. Billi tilqa' t-tieni domanda fis-sens biss li tiddikjara illi, minħabba d-dissest finanzjarju tal-konvenut Lotter, hemm lok li jiġu assikurati lill-attriċi d-dota distratta (salva l-likwidazzjoni tal-valur tagħha) u d-dotarju (salv u mpreġudikat kull dritt talvolta kompetenti lill-konvenuti Cassar u Mallia dwar l-eċċessività jew le tad-dotarju); liema assikurazzjoni, però, "rebus sic stantibus" ma tistax tiġi effettwata, billi l-konvenut ma jidherx li għandu beni li jistgħu legalment jiġu assenjati lill-attriċi;

3. Billi tinnomina lin-Nutar Philip Saliba biex jippublika l-att tas-separazzjoni tal-beni...........;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut Lotter; iżda dawk tal-konvenuti Cassar u Mallia, u dawk tan-nutar u tal-kuratur, tħallashom provviżorjament l-attriċi.